MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### DAVID SCICLUNA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1352/1996/1

**Tabib Dottor Joseph Vella u martu Adelina Vella**

**vs**

**Fenech Azzopardi (Styles) Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-26 ta' April 1996 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi fit-18 ta’ Novembru 1991 l-atturi xtraw u akkwistaw ‘Demi Buff Female Jacket’ versu l-prezz ta’ Lm2500 dokument anness minghand il-konvenuti (Dok. A) liema sejjer jissejjah ’l quddiem abbiljament;

Illi skond l-istess dokument jirrizulta illi l-abbiljament giet certifikata ‘Demi Buff Female Mink Jacket’;

Illi l-konvenuti accertaw lill-atturi illi l-istess abbiljament kienet ‘female’, ossia maghmula mill-glud ta’ annimal minx ta’ sess feminili;

Illi l-atturi riedu jaccertaw ruhhom illi l-abbiljament in kwistjoni kienet hekk kif iccertifikata;

Illi l-atturi baghtu l-abbiljament l-esteru fejn saru jafu li l-fur huwa maskili, izda l-konvenuti ma accettawx din l-opinjoni ta’ l-espert Wolf Rudger Bauske mid-ditta Tedeska li iccertifika illi: “To the best of my knowledge it can definitely be excluded that this garment is made out of female mink skins” dokument B hawn anness;

Illi l-atturi biex jipperswadu lill-konvenuti regghu baghtu l-fur din id-darba ghand socjeta’ barra minn Malta wara li giet siggillata fil-prezenza tan-Nutar Gafa u zewg xhieda Dr. Joseph Zarb Adami u Mr. Dennis Gatt;

Illi l-atturi talbu r-rifusjoni tal-prezz u spejjez inkorsi minnhom;

Illi l-konvenuti rrifjutaw jirrifondu l-prezz u l-ispejjez;

Illi l-atturi gew ingannati u mqarrqa mill-konvenuti mhux biss fil-prezz imhallas ukoll fil-kwalita’ tal-‘fur’ tal-abbiljament;

talbu li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara li l-konvenuti bieghu abbiljament tal-“fur” deskritt bhala “Demi Buff Female Jacket” lill-atturi bil-prezz ta’ Lm2500 liema abbiljament mhuwiex kif deskritt izda huwa “Scandinavian demi buff male mink”;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jirrifondu l-prezz fuq imsemmi lill-atturi;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi nkluz spejjez inkorsi biex jigi ezaminat l-imsemmi abbiljament;

4. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi dik is-somma fuq likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunti in subizzjoni

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn qalet:

1. Illi talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-abbiljament mixtri minnhom kien DEMI BUFF FEMALE MINK JACKET u mhux maghmul minn gilda tas-sess maskili kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit l-intempestivita’ tal-azzjoni stante li s-socjeta’ konvenuta gja offriet lill-attruri li jsir ezami fuq l-abbiljament minn espert in materja liema rizultat kienu lesti jirrispettaw pero’ l-atturi ghogobhom jintavolaw din ic-citazzjoni nutilment;

3. Illi s-socjeta konvenuta tirrizerva li tiehu azzjoni kontra l-atturi ghall-
allegazzjonijiet ta’ ngann u qerq kontenuti fl-atti tac-citazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbal tat-18 ta' Novembru 1998 mnejn jirrizulta li d-difensuri tal-partijiet qablu li l-gakketta tal-fur in kwistjoni tintbaghat lill-"British Fur Association" sabiex din tkun tista' taghmel l-analizijiet kollha u taghmel rapport;

Rat it-talbiet sussegwenti li saru mill-atturi sabiex l-imsemmija Assocjazzjoni tigi sostitwita b'perit tekniku iehor u c-cahdiet tal-Qorti ta' dawk it-talbiet;

Rat id-digriet ta' l-10 ta' Ottubru 2000 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Tonio Mallia bhala perit legali sabiex jirregola l-gbir tal-provi u okkorrendo biex jittiehdu samples mehtiega biex jigu ezaminati mill-perit tekniku;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali flimkien mar-rapporti li gew sottomessi mill-British Fur Association;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Qabel xejn irid jigi osservat li permezz ta' nota pprezentata mill-atturi fit-28 ta' Novembru 1991, u cioe` fl-istess gurnata li gie mahluf ir-rapport mill-perit legali, l-atturi talbu l-hatra ta' periti perizjuri "ghal kull bwon fini u minghajr pregudizzju". Fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2002 il-kawza giet differita sabiex l-atturi jindikaw jekk hux se jinsistu fuq in-nomina ta' periti perizjuri. Fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2002 ghall-atturi deher biss Dr. Aaron Mifsud Bonnici li assocja ruhu fil-patrocinju ta' l-atturi ma' Dr. John Attard Montalto. Dakinhar il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett t'ostakolo. Billi ma saret l-ebda talba ghs-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, il-Qorti rredigiet u qed tippronunzja din is-sentenza.

Il-kawza tirrigwarda gakketta tal-mink deskritta bhala "demi-buff female mink jacket" li l-atturi xtraw minghand is-socjeta` konvenuta fit-18 ta' Novembru 1991. L-atturi riedu jaccertaw ruhhom li din il-gakketta kienet effettivament maghmula minn *fur* femminili u ghalhekk baghtu l-istess gakketta l-Germanja biex tigi ezaminata minn certu Wolf-Rudiger Bauske. Skond ir-rapport minnu rilaxxat (Dok. B a fol. 7) il-*fur* ma kienx tal-mink femminili: *"To the best of my knowledge it can definitely be excluded that this garment is made out of female mink skins"*. Is-socjeta` konvenuta baqghet tinsisti l-kuntrarju u ghalhekk l-atturi ntavolaw din ic-citazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta.

Wara li kien hemm qbil li l-gakketta in kwistjoni tintbaghat lill-British Fur Association ghall-analizijiet mehtiega, l-atturi

talbu s-sostituzzjoni ta' din l-Assocjazzjoni. In vista ta' l-ittra tat-28 ta' Lulju 1999 mill-imsemmija Assocjazzjoni (esebita mis-socjeta` konvenuta a fol. 42) fejn gie dikjarat li la s-socjeta` konvenuta u lanqas Victor Fenech Azzopardi ma huma u qatt kienu membri tal-British Fur Association, m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-idoneita` ta' din l-Assocjazzjoni bhala espert tekniku fil-kaz.

Effettivament il-gakketta in kwistjoni ntbaghtet lil din l-Assocjazzjoni (bil-procedura spjegata fir-relazzjoni tal-perit legali, ara fol. 113 u 114). Intbaghtet ukoll kopja tar-rapport ta' l-espert li kien tqabbad mill-atturi, cioe` r-rapport ta' Wolf-Rudiger Bauske. Il-British Fur Association qabbdet *panel of experts* biex jezaminaw il-gakketta. Fir-rapport taghha l-Assocjazzjoni tirreferi ghac-certifikati rilaxxati mill-esperti nominati minnha (ara fol. 115, 116 u 117) u mnejn jirrizulta li *"the demi-buff mink jacket is made of female mink"*.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, billi l-premessa principali ta' l-atturi ma gietx pruvata, it-talbiet taghhom ma jistghux jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------